# Il-Għanja tal-Imtarraf

Oh Madonna tad-Duluri,
ġejt lejn darek b'ħodon fjuri
nagħtik qima, b'qalb għajjiena
nitlob faraġ, nitlob ħniena.

Iżda kif ersaqt lejn darek,
ħarġu fis minn ħdejn altarek
erba' lpup fuq iz-zuntier,
qagħdu wieħed fuq kull plier,
wieħed jismu it-Tħaġġir,
l-ieħor jismu it-Tkasbir,
l-ieħor jismu Lsien Ħażin,
l-ieħor jismu Assassin;
l-erbgħa jinbħu bħal għafrid …
kelli nieqaf, noqgħod bgħid!
Oh Madonna tad-Duluri,
jien ma stajtx noffrilek fjuri,
iżda qalbi taret ħdejk;
bi tbissima fuq ħaddejk
Inti lqajtha … kollok ħlewwa,
ward il-maħfra tal-għedewwa
qtajt minn qalbi … 'l Ibnek tajtu,
mis-salib jien jgħajjat smajtu:
"Missier Alla, lill-bnedmin
aħfer, aħfer, għax għomjin!"

Oh Madonna tad-Duluri,
jien ma stajtx noffrilek fjuri …
iżda Int f'qalbi wisq għajjiena
raxxaxt faraġ, raxxaxt ħniena.